MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 33/2018

It-Tnejn 15 ta' Jannar 2018

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

### 33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

33.1.1 Iċ-Chairperson qalet li s-Sur Simon Salomone Reynaud kien skużat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

33.1.2 Iċ-Chairperson qalet li s-Sur Frank Fenech kien skużat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

33.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 32/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

33.2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

33.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

33.2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 33.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

33.3.1 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li l-Perit Scerri bagħat *reminder* lill-Perit tal-Gvern Mariella Xuereb sabiex tibagħtilna *no objection* għall-proġett tal-monument li se jsir fil-promenade ta' Triq il-Port.

33.3.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li l-monument li kien hemm fil-ġnien wara *Smiley's Restaurant*, ġie trasferit mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex fil-*promenade* ta' Triq il-Wied. Il-Kumitat qabel li nkellmu lill-Ministeru sabiex il-monument jerġa' jitpoġġa fejn kien.

33.3.3 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li hemm bżonn li jsir ftit *patching*

bil-*cold asphalt* fi Triq il-Qbajjar peress li hemm xi ħofor kbar u fondi li ser jikkawżaw ħsarat fil-vetturi. Kien hemm qbil mill-Kumitat.

33.3.4 Iċ-*Chairperson* qalet li ġiet infurmata mid-Dipartiment tax-xogħlijiet fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, sabiex fil-bankina ta' Triq is-Salini li qed jagħmlu, is-sid tal-garaxx irid jagħmel il-grada tal-gandott hu privatament.

33.3.5 Iċ-*Chairperson* qalet li matul Triq Ulisse, irid isir *double yellow lines* n-naħa l-oħra tal-*parking bays*. Il-Kumitat qabel li jsiru.

33.3.6 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li nhar il-Ħamis 21 ta' Diċembru 2017 saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill sabiex isir il-pjan tal-proġett ta' bdil tar-*railing* u tranġar tal-*belveder* fi Triq Santa Marija ħdejn il-parking tal-*promenade* tal-Qbajjar. Il-fondi tal-UIF ser jintużaw għal dawn ix-xogħlijiet.

## 33.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

33.4.1 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar meta ser jibda ix-xogħol fi Triq Għar Qawqla. Iċ-*Chairperson* wieġbet li beda x-xogħol illum fuq il-livelli tat-triq.

33.4.2 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar il-*pedestrian crossing* ta' Triq il-Qbajjar. Iċ-*Chairperson* wieġbet li hemm l-applikazzjoni quddiem Transport Malta.

33.4.3 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar ilma li hemm fi Triq il-Qbajjar ħdejn Lighthouse Supermarket. Hi qalet li aktarx dan l-ilma ġej minn Triq Barda. Iċ-*Chairperson* qalet li diġa' sar rapport mal-WSC u ser jintbagħat reminder.

## 33.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa

33.5.1 Ilment 47/2017 – D. Cordina
Qed jagħmel suġġeriment biex il-bozoz tal-fanali tal-parking tal-promenade tal-Qbajjar jitwaħħlu flok dawk l-imkissrin ta' Triq Santa

Marija. Iċ-Chairperson wieġbet li l-kuntrattur ta' GaleaCurmi diġa ordna dawn il-bozoz għal Triq Santa Marija u qed jistenna li jaslulu sabiex iwaħħalhom.

33.5.2 Ilment 48/2017 – J. Dawley
Qed jilmenta li hemm ħajt fi Triq il-Qbajjar u qed jaqa' il-ġebel minnu. Il-Kumitat qabel li jerġa' jinbena l-ħajt.

33.5.3 Ilment 01/2018 – R. Pace
Qiegħda tilmenta dwar ħofor fi Triq il-Qbajjar u Triq Santa Marija. Il-Kumitat qabel li jsir *patching* bil-*cold asphalt* fi Triq il-Qbajjar filwaqt li Triq Santa Marija hemm bżonn ta' *resurfacing* tat-Triq iżda dan ix-xogħol iqum ħafna flus u bħalissa qed isir *resurfacing* fi Triq Għar Qawqla.

33.5.4 Ilment 02/2018 – H. Cefai
Qed jilmenta dwar il-kundizzjoni tal-Qbajjar Promenade madwar il-kiosk li qiegħed fi stat ħażin ħafna. Il-Kumitat qabel li titranġa.

33.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li rċivejna korrispondenza mingħand Prof. Mro. Joseph Vella fejn qed jissuġġerixxi li jsiru il-*parking bays* bil-linji bojod matul Triq il-Wied u Triq il-Vulkan. Il-Kumitat qal li l-Perit tal-Kunsill kien qed jagħmel *survey* dwar linji bojod għall-*parking bays* f'Marsalforn kollu.

33.5.6 Il-Kumitat tkellem u qabel sabiex jerġa jorganizza l-marċ f'Marsalforn nhar il-Ħadd 28 ta' Jannar fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl bis-sehem tal-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ.

33.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li rċivejna korrispondenza mingħand is-sinjura Raphaela Pace fejn qiegħda tikkontesta l-ħsarat li ġarrbet fil-vettura tagħha minħabba ħofra fi Triq il-Qbajjar. Dawn il-ħsarat jammontaw għal €94. Il-Kumitat qabel li tingħata l-kumpens la darba r-residenta ppreżentat id-dokumenti kollha meħtieġa.

## 33.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 33.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-6.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 19 ta' Frar 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 19 ta' Frar 2018.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Marija Saliba | Ryan Debrincat |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |